MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 772/2005

**Ronald Gaerty**

**vs**

**Registratur tal-Qorti u Direttur Generali; u l-Perit Joseph Sultana ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 19 ta' Awwissu 2005 fejn espona illi: -

1. Hu gie notifikat fil-11 ta' Awwissu 2005 bil-mandat ta' sekwestru numru **1209/05** mahrug fil-konfront tieghu mill-intimat Perit Joseph Sultana (Dok.A).

2. Dan il-mandat inhareg sussegwenti ghal decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Perit Arkitett u**

**Inginier Civili Joseph Sultana vs Ronald Gaerty (1754/97)** u skont it-taxxa li kopja taghha, u tal-ittra mibghuta mill-intimat, qed jigu annessi u mmarkati bhala Dok. B. Is-sentenza kienet tirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u cioe' dik ta' preskrizzjoni *a tenur* tal-Art.2149(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok.C). Ghalhekk id-decizjoni kienet tirrigwarda punt ta' natura purament legali. L-atti gew rimessi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tkompli tisma' il-kaz fil-mertu tieghu, liema kawza tinsab differita ghad-19 ta' Jannar 2006 (1754/97TM). Fuq l-istess mertu hemm kawza ohra fl-ismijiet **Ronald Gaerty vs Gold Circle Developments et (1554/98TM)** differita wkoll ghad-19 ta' Jannar 2006.

3. Ftit qabel id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, l-intimat Perit Joseph Sultana pprezenta rikors (Rik. Nru. 886/04NC) (Dok.D) fejn talab ir-revoka ta' taxxa mahruga relattiva ghall-kawza li kienet qed tinstema' quddiem il-Qorti tal-Appell **(Perit Joseph Sultana vs Ronald Gaerty, Citazz. Nru.1754/97AJM).** Dik it-taxxa hija identika ghat-taxxa mertu tar-rikors odjern, hlief, naturalment, iz-zieda tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji relativi ghall-Qorti tal-Appell. Is-smigh tar-rikors jinsab differit ghall-25 ta' Ottubru 2005.

4. Din it-taxxa (Dok.B) ma nharget fuq l-ebda valur u ma setghetx tohrog fuq valur ghal zewg ragunijiet, u cioe': (i) is-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienet tirrigwarda punt legali (preskrizzjoni tal-azzjoni) u l-istess Qorti tal-Appell rrimettiet l-atti quddiem il-Prim'Awla, u (ii) l-ammont rikjest mill-attur fic-citazzjoni hu *da liquidarsi* u naturalment il-kawza kienet ghadha ma waslitx f'dak l-istadju. Dwar l-ewwel raguni, it-taxxa ma tistax tigi finalizzata billi l-mertu proprju tal-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell ghadu soggett ghad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u ghalhekk ir-Registratur ma ghandux *locus standi* f'dawk il-proceduri billi ma jkunx ghadu espleta l-obbligi tieghu skont il-ligi u fi kwalunkwe kaz, ir-Registratur ikun dejjem marbut ma' kull direttiva li tista' taghti l-istess Qorti. *Inoltre,* kif premess, l-eccezzjoni deciza kienet tirrigwarda punt legali.

Dwar it-tieni raguni, kif iddikjara l-istess intimat flr-rikors tieghu surriferit (Dok.D):

"Illi mill-faccata tac-citazzjoni jidher car u manifest li l-kawza ma gietx intaxxata fil-principju taghha skont il-valur attribwit mir-registratur fit-taxxa ....billi fiz-zmien tal-prezentata taghha c-citazzjoni giet intaxxata bhala wahda merament dikjaratorja u ghalhekk thallas dritt ta' Registru ta' hamsa u tletin Lira u hamsin centezmu (Lm35.50)."

A skans ta' ripetizzjoni, l-esponenti jaghmel riferenza ghal dan ir-rikors li pprezenta l-intimat odjern.

5. *Inoltre*, hija haga tal-meravilja kif, it-taxxa in kwestjoni, tinkludi drittijiet u spejjez legali konnessi mal-kawza Citazzjoni Numru 1754/97TM li ghadha qed tinstema' quddiem il-Prim'Awla!

6. Jidher car li din it-taxxa hija zbaljata u ghalhekk nulla u ghandha tinhareg taxxa ohra limitatament ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' April 2005 li naghtat fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni tal-azzjoni intentata mill-intimat.

Ghalhekk, ir-rikorrenti, skont it-termini tal-Art.64 tal-Kap.12, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara nulla, irritwali u inattendibbli t-taxxa rilaxxjata mill-Intimat Registratur tal-Qorti u d-Direttur Generali tal-Qorti datata 11 ta' Awwissu 2005, fil-kawza fl-ismijiet Joseph Sultana vs Ronald Gaerty (1754/97).

2. Tordna lill-istess intimat Registratur tal-Qorti u d-Direttur Generali tal-Qrati biex jaghmel u johrog taxxa gdida, fejn tigi limitata biss ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, fuq bazi ta' punt ta' ligi, dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, minghajr drittijiet *ad valorem.*

3. Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-3 ta’ Novembru 2005.

Rat ir-risposta tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, u d-Direttur Generali tal-Qrati datata 29 ta’ Settembru 2005 (fol 24) fejn esponew illi: -

1. Preliminarjament li d-Direttur Generali tal-Qrati ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu mhux il-legittimu kontradittur f’din il-procedura.

2. Preliminarjament illi r-rwol tar-Registratur tal-Qorti huwa vestit, skont l-avviz legali 139 tal-2004 fir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali li ma ghadux aktar denominat Registratur tal-Qorti.

3. Fil-meritu illi l-metodu tal-intaxxar f’dil-kawza gie korrettement mahdum skont il-ligi u bbazat fuq valur li huwa stabbilit, dikjarat u determinat li johrog mill-atti tal-kawza fl-ismijiet “Pent Arkitett u Inginier Civili Joseph Sultana vs Ronald Gaerty” - 1754/1997 AJM. F’dak il-kaz, il-Perit Arkitett Sultana kien esibixxa dokument “AA2” a fol. 35 tal-process ta’ dik il-kawza li in bazi tieghu indika bic-car l-ammont pretiz minnu in segwitu ghall-att tac-citazzjoni.

4. Illi fl-istadju tal-appell, l-intaxxar ta’ drittijiet u spejjez segwa l-istess kriterja b’dan li fil-kaz ta’ rinviju tal-process lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, l-intaxxar finali jkun jinkludi fih biss drittijiet u spejjez konnessi ma’ atti gudizzjarji prezentati sussegwentement ghall-hrug tat-taxxa *de quo* wara l-gudizzju tal-Qorti tal-Appell li jordna r-rinviju tal-process.

5. Salvi ragunijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-2 ta’ Marzu 2006 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti ghamlet referenza ghad-digriet taghha tas-7 ta’ Frar 2006 u ordnat illi r-risposta imressqa mill-intimat Perit Joseph Sultana titnehha mill-atti tal-kawza; u l-verbal tad-9 ta’

Mejju 2006 fejn il-Qorti kif diversament presjeduta ghamlet referenza ghar-rikors imressaq mill-intimat Joseph Sultana. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-partijiet interessati b'erbat ijiem ghat-twegiba u irriservat li tipprovdi dwar it-talba aktar 'il quddiem. F' dan il-waqt Dr. Aronne Bugeja ghall-intimat iddikjara li mhux qed jopponi ghat-talba filwaqt li Dr. Edward Woods ghar-rikorrent halla f'idejn il-Qorti. Il-Qorti kif diversament presjeduta rat l-Art 230 Kap 12, laqghet it-talba, hassret *contrario imperio* d-digriet taghha tat-2 ta' Marzu 2006 u regghet qieghdet ir-risposta tal-intimat Sultana fl-atti tal-kawza.

Rat ir-risposta tal-Perit Arkitett u Inginier Civili Joseph Sultana (610751M) datata 22 ta' Frar 2006 (fol 32) fejn espona: -

Illi l-esponent f'dan il-kaz jirrimetti ruhu ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, u jitlob biss li jirrileva illi:

a. Il-fehmiet tal-kontendenti f'din il-kawza, inkluza dik tar-rikorrent odjern, gja' jinsabu espressi fl-atti tar-rikors numru 886/04NC fl-ismijiet *"Perit Arkitett u Inginier Civili Joseph Sultana vs Registratur tal-Qorti u Ronald Gaerty ghal kull interess li jista jkollu",* liema proceduri jinsabu differiti *sine die,* u li l-esponent jitlob li jigu allegati mal-proceduri odjerni;

b. Illi l-esponent ihoss li huwa rilevanti illi jsemmi li huwa kien kostrett li jaghmel garanzija ghall-ispejjez tal-appell fil-kawza fl-ismijiet "Pent *Arkitett u Ingenjier Civili Joseph Sultana vs Ronald Gaerty"* (Citazzjoni numru 1754/97), u dan fl-ammont ta' Lm2603 u cjoe` kwantu ghal Lm1188 bhala garanzija ghall-ispejjez tar-Registru u kwantu ghal Lm1415 bhala garanzija ghall-ispejjez tal-appell. F'dan ir-rigward, l-esponent hu tal-umli fehma illi, gjaladarba l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-1 ta' April 2005, iddecidiet l-appell *"..bl-ispejjez taz-zewg istanzi k*ontra *l-konvenut appellat...*", xi hadd, bejn ir-rikorrent odjern ossija l-intimat Registratur tal-Qorti u Direttur Generali, ghandu bhala ezitu finali tal-proceduri odjerni, jigi ordnat li jhallas ossija jirrifondi lill-esponent dik is-

somma illi l-istess esponent gie obbligat illi jiddepozita bhala garanzija ghall-ispejjez tar-Registru;

c. Illi finalment, l-esponent umilment jissottometti illi, independentement mill-ezitu finali ghal dawn il-proceduri, l-esponent ma ghandux jigi kkundannat li jhallas l-ispejjez ghall-proceduri odjerni, f'cirkostanzi fejn dawn il-proceduri la gew imqanqla minnu u lanqas ma l-esponent huwa l-kawza taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Frar 2007 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn wara li semghet lill-Avukati tar-rikorrenti u tal-intimat Sultana halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2007, u peress li Dr. Francesco Depasquale baghat jgharraf lill-Qorti li hu indispost, tat lir-Registratur tal-Qrati li jressaq is-sottomissjonijiet tieghu permezz ta' nota sa mhux aktar tard mit-8 ta' Mejju 2007 bil-visto tal-Avukati tal-parti l-ohra; u l-verbal tas-27 ta' Settembru 2012 fejn il-kawza baqghet ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-26 ta' Marzu 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija azzjoni ta' ritassa skont l-**artikolu 64 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara nulla u inattendibbli t-taxxa ufficjali dwar id-drittijiet u l-ispejjez gudizzjarji esibita bhala **Dok 'B'** a *fol. 5,* relattivi ghall-kawza fl-ismijiet *Perit Arkitett u Inginjier Civili Joseph Sultana vs Ronald Gaerty (Citazz.Nru.1754/97),* ***DOK 'C'*** deciza mill-Qorti tal-Appell. Din is-sentenza kienet iddecidiet dwar eccezzjoni ta'

preskrizzjoni u l-atti gew rimessi quddiem il-Prim'Awla sabiex jissokta l-kaz.

Illi l-istess rikorrent jikkontendi illi din it-taxxa hija zbaljata in kwantu din giet mahduma fuq bazi *ad valorem* meta kellha tinhadem fuq bazi dikjaratorja peress li s-sentenza ittrattat punt ta' ligi (preskrizzjoni tal-azzjoni).

**Ikkonsidrat li** permezz tas-sentenza intaxxata gie deciz biss l-eccezzjoni preliminari dwar preskrizzjoni sollevata mill-konvenut f'dik il kawza. Din l-eccezzjoni giet milqugha fil-Prim' Istanza u michuda mill-Qorti tal-Appell bl-ispejjez kollha kontra l-attur odjern, debitur ta' dawn l-ispejjez. Il-kaz gie rimess quddiem l-ewwel Qorti biex tikkonsidra t-talbiet attrici *da liquidarsi.*

Jirrizulta wkoll li l-intimat Perit Sultana kien talab li l-kawza tigi ntaxxata meta giet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta ' Marzu 2002 (taxxa annessa a *fol 20)*. Minn din it-taxxa, u minn dik mahruga fil-11 ta' Awwissu 2005 (*fol 8 tal-process)* li hija l-istess taxxa biss bl-ispejjez u drittijiet inkorsi fl-istadju tal-appell mizjudin maghha,[1] jirrizulta ampjament li l-kawza ma gietx intaxxata fuq bazi merament dikjaratorja imma inharget taxxa *ad valorem*.

Gie spjegat mix-xhud **Aldo Testone** in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati.[2] li, *"ai fini ta' taxxa ma taghmilx differenza jekk is-sentenza tiddisponi minn eccezzjoni preliminari ghaliex titqies bhala sentenza definittiva.*" u li "*It-taxxa tohrog fuq valur jew dikjarat fl-atti tal-kawza jew inkella li jista' jigi determinat b'xi mod iehor mill-atti processwali."* Minn ezami tal-atti processwali tal-kawza 1754/97 hu xehed li jirrizulta valur mill-atti stess tal-kawza, senjatament minn kont mahrug mill-Perit Sultana esebit fil-kawza. Kopja ta’ dan jinsab esibit bhala **DOK** AT1 a *fol. 41* tal-process odjern. Ikkonferma wkoll li l-kawtela mhallsa mill-Perit Sultana meta introduca l-appell kien fl-ammont ta' Lm2,603, rapprezentanti kwantu ghal Lm1,188 id-dritt ghar-registru, u l-bilanc rapprezentanti d-

[1] Vide konferma tax-xhud Aldo Testone
[2] Fol. 37 et seq.

dritt tal-avukat u l-prokuratur legali. Hu xehed ukoll li "*ikun x'ikun l-ezitu tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-persuna li tkun iddepozitat dak l-ammont bhala dritt tar-registru bhala parti mill-kawtela ma jkollix id-dritt li tirtira l-ammont lura.*"[3]

Jigi rilevat li l-intimat A.I.C. Joseph Sultana kien hu stess ipprezenta rikors in segwitu ghas-sentenza moghtija fit-8 ta' Marzu 2002 biex jikkontesta t-taxxa esibita a fol. 20 tal-process odjern, fejn sostna bazikament l-stess tezi tar-rikorrent f'din il-kawza. Fl-istess sens hija r-risposta tieghu pprezentata f'din il-kawza.

Il-Qorti ser tikkonsidra l-ewwel eccezzjoni imressqa mill-intimat Direttur Generali tal-Qrati fis-sens li huwa ma huwiex il-legittimu kuntradittur ghaliex jikkontendi li huwa r-Registratur Qrati Civili u Tribunali illi ghandu r-responsabbilta` ghall-intaxxar tad-drittijiet u spejjez u dan skont **l-Avviz Legali Numru 139 tal-2004.**

Illi din il-Qorti tosserva li skont l-istess **artikolu 3 (2) tal-Avviz Legali 139 tal-2004** huwa d-Direttur Generali tal-Qorti li huwa responsabbli ghat-tmexxija u l-amministrazzjoni tad-Divizjoni tal-Qrati tal-Gustizzja, inkluzi r-registri, arkivji u servizzi ohra, u l-Ufficjali Ezekuttivi tal-Qorti kollha ghandhom jiehdu l-istruzzjonijiet u jkunu responsabbli lejh. Skont l-**artikolu 3 (4)** l-istess Direttur Generali huwa assistit fit-twettiq tal-funzjonijiet tieghu taht **is-subartikolu (3) tal-istess regolamenti** *inter alia* mid-Direttur, Qrati Civili, u Tribunali, li huwa indikat li ghandu jwettaq id-dmirijiet tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, u bil-mod kif inhu mpost l-istess Avviz Legali, thoss li d-Direttur Generali huwa l-legittimu kontradittur ghaliex id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, li jagixxi bhala Registratur tal-Qorti, huwa ndikat ufficjal esekuttiv li jassisti lid-Direttur Generali tal-Qorti fl-amministrazzjoni tal-Qorti. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi minbarra dan, l-intimat indikat bhala d-Direttur Generali tal-Qorti ressaq eccezzjoni rigwardanti l-mertu tal-kaz fejn,

[3] Fol. 45

flimkien mar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, isostni li l-intaxxar f'dik il-kawza gie korrettament mahdum skont il-ligi u bbazat fuq valur li huwa stabbilit, dikjarat u determinat li johrog mill-atti tal-kawza numru 1754/97, senjatament id-dokument esebit bhala **DOK AT1** *a fol. 41*, u l-intaxxar fl-istadju tal-appell segwa l-istess kriterji.

Il-punt ghalhekk in kontestazzjoni hu dwar jekk rigward is-sentenza preliminari moghtija mill-Qorti tal-Appell flimkien mas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' Prim' Istanza kellha tigi intaxxata bhala punt ta' ligi jew *ad valorem*.

Illi d-dispozizzonijiet legali li jirregolaw din il-materja huma cari. Ma hemmx dubju li taxxa hija att tar-Registratur tal-Qrati. Il-ligi stess tipprovdi li *"l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur tal-Qorti......"* (Art. 64 tal-Kap.12).

Din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kaz *Accent Clear Traders Co. Ltd. vs Cole Foods et* (Citazz. Nru. 300/2000)[4] fejn il-Qorti, fis-sentenza preliminari taghha moghtija fit-3 ta' Ottubru 2001 sostniet li: "*L-intaxxar tal-ispejjez gudizzjarji hija prerogattiva tar-Registratur tal-Qorti skont ma jipprovdi l-artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dawn l-ispejjez, skont l-artikolu 1004 tal-istess Kodici ghandhom jigu ntaxxati u mhallsa skont it-Tarriffi fl-Iskeda A annessa mal-istess Kodici u skont regolamenti maghmula mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja' taht l-istess artikolu."* Din il-Qorti sahqet li huwa dmir tar-Regisratur tal-Qorti impost fuqu bil-ligi li jirregola ruhu sabiex jiddetermina l-ispejjez u d-drittijiet tad-diversi persuni involuti fi proceduri gudizzjarji, inkluzi l-ispejjez tar-registru. Dan id-dmir "*jipprexxindi minn kull kwistjoni li tista' tqum bejn il-kontendenti dwar il-bazi tal-mertu tal-kawza."*[5]

Minnbarra l-kriterji stabbiliti fl-Ewwel Skeda, senjatament it-Tarriffi "A" u "E", tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-valur ta' kawza huwa determinabbli

[4] PA(AJM) deciz fit-3 ta' Ottubru 2001
[5] Art.1004 Kap.12

wkoll (ghall-finijiet ta' kompetenza) minn regoli li l-istess Kodici jhaddan dwar l-ghamla tat-talba li tkun (Vide Art. 746 u 748(b) tal-Kap 12). Dawn l-iskedi jirregolaw il-kriterji li ghandhom jidderigu lir-Registratur tal-Qrati meta jistabbilixxi valur *ai fini* tal-intaxxar tal-ispejjez u drittijiet gudizzjarji.

Dan id-dmir jimponi fuq ir-Registratur obbligu li jintaxxa kawza entro terminu stabbilit. L-Artikolu 11(2) tat-Tarriffa "A" difatti jghid li *"Fi żmien xahar mill-għoti tas-sentenza finali, ir-Reġistratur għandu jara li titħejja taxxa tal-ispejjeż finali u kopja tagħha tintbagħat lill-partijiet u lill-avukati u prokuraturi legali tagħhom."*

Artikolu 14 tat-Tariffa E jiddisponi li "*Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit."* Dan ifisser li l-valur tal-process jista' jigi stabbilit mhux biss mill-att promotur tal-kawza imma minn kull taghrif jew prova li jinsab fl-atti.

Ma hemmx dubju li sentenza dwar preskrizzjoni, hija sentenza finali, ghalkemm fuq punt preliminari, in kwantu li testingwi definitavement dan il-*caput* sollevat mill-konvenut f'kawza. Ghalhekk ir-Registratur kien fis-setghat tieghu li johrog taxxa. Izda li jigri f'kazijiet simili, u anke bhal ma sehh f'dan il-kaz, l-atti jigu rimessi lill-Qorti tal-ewwel istanza sabiex il-kaz jitkompla jew biex jigu ezaminati u trattati eccezzjonijiet ohra sollevati jew biex jigi deciz il-kaz fuq il-mertu.

Illi r-Registratur tal-Qrati isostni li l-kawza xorta ghandha tigi intaxxata *ad valorem* galadarba l-valur huwa determinabbli mill-atti processwali.

Illi anke ghaliex taxxa tikkostitwixxi titolu ezekuttiv, il-hrug ta` dak l-att ghandu jsir bl-akbar kawtela u wara d-debiti u verifiki li l-kaz jirrikjedi. U r-rwol tal-Qorti, kif tajjeb kien osservat fil-kawza "**Borg vs Salamone"** (Prim`Awla tal-Qorti Civili - 23 ta` Frar 1960) huwa li *l-konjizzjoni tal-*

*kontroversji relattivi ghat-taxxi maghmula mir-Registratur, meta tigi mpunjata l-attendibbilta` jew il-korrettezza taghhom minn min ikollu nteress.*

Huwa stabbilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija mharsa mill-principju li wiehed ihares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun inghatat meta s-somma mhix determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wiehed jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-process gudizzjarju, u mhux semplicement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali principju mhux wiehed inflessibbli ghaliex huwa kwalifikat bil-principju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawza jissejjah "***il complesso del tema contenzioso***" minn fejn wiehed jista' jsib xi jkunu tassew il-valur tal-kontestazzjoni. (Ara **Micallef vs Micallef** deciza fl-24 ta' Lulju 1946 (Kollezz. Vol. XXXII.ii.424).

Il-Qorti kompliet tispjega li *"F'materja ta' tassazzjoni ta' drittijiet gudizzjali, il-principju enuncjat in linja ta' massima, illi t-tassazzjoni ta' dritijiet gudizzjali tigi regolata mid-domanda jew mis-sentenza meta fid-domanda somma mhix determinata, ma hux inflessibbli imma ghandu jigi ragjonevolment kwalifikat, (sottolinear ta' din il-Qorti) kif gie mill-gurisprudenza kwalifikat, bil-principju l-iehor illi meta minn dak li jissejjah "il complesso del tema contenzioso" ossija "massa litigiosa", ikun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur, avolja d-domanda tkun ghal somma li ghandha tigi likwidata."*

Illi izda kif gie sewwa osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Joseph R. Micallef.) fil-kaz **HSBC Bank Malta plc vs Registratur tal-Qrati u Direttur Generali et** tat-12 ta' Gunju 2003:

*"Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa ghal zmien twil, t-tassazzjoni ad valorem hija ibbazata fuq talbiet li jwasslu ghall-passagg ta' flus jew fondi jew ghat-trasferiment ta' proprjeta' jew jeddijiet marbutin ma' dan. Meta kawza ma taqax f'kategorija bhal dawn li ghadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni* ***generalment*** *issir a bazi ta'*

*dikjarazzjoni." (enfazi ta' din il-Qorti).* (Vide wkoll **Borg Grech vs Buhagiar noe** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1967).

Fil-kaz in ezami, il-vertenza li giet definittivament deciza mill-Qorti tal-Appell kienet tirrigwarda strettament punt ta' dritt, ossia il preskrizzjoni tal-azzjoni. Ma kenitx tirrigwarda passagg jew trasferimenti ta' flus, fondi jew proprjeta jew jesddijiet marbutin mal-istess. Tant li l-kawza kompliet tinstema' quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza fuq il-mertu li kien *da liquidarsi.* Il-kuntrast bejn il-partijiet f'dak l-istadju kien b'hekk limitat ghall-punt ta' dritt u ma jistax jinghad li, f'dak l-istadju, il-*massa litigioso,* jew il-*qofol tal-kwistjoni*, kien jirrigwarda t-talbiet ta' responsabbilta` u likwidazzjoni tad-danni li kellhom jigu determinati fi stadju ulterjuri. Isegwi ghalhekk li t-taxxa kellha tigi komputata fuq bazi ta' dikjarazzjoni altrimenti l-kawza tigi intaxxata fuq il-valur mertu tieghu doppjament - darba meta jigi deciz punt ta' ligi, u darba ohra meta t-talbiet fuq il-mertu jigu decizi definittivament. Jekk dan ikun il-kaz, wiehed jaqa' fl-assurd li l-istess kawza unika tigi intaxxata fuq il-valur shih taghha molteplikat b'kull decizjoni fuq punt ta' dritt li jigi determinat waqt l-*iter* guridiku. Dan zgur mhuwiex il-ghan tal-legislatur ghalhiex effettivament ikun qed iservi ta' deterrent ghall -partijiet f'kawza billi zzommhom milli jharsu l-integrita` u l-korrettezza procedurali permezz ta' eccezzjonijiet siewja li jkunu sollevabbli fil-kawza taghhom.

Illi l-intimat Joseph Sultana, fit-tieni eccezzjoni tar-risposta tieghu[6] irrileva li meta intavola l-appell, kellu jiddepozita, bhala garanzja ghall-ispejjez tar-Registru u tal-appell, ammont ikkalkolat *ad valorem* u talab li *xi hadd, bejn ir-rikorrent odjern ossija l-intimat Registratur tal-Qorti u Direttur Generali, ghandu bhala ezitu finali tal-proceduri odjerni, jigi ordnat li jhallas ossija jirrifondi lill-esponent dik is-somma li l-istess esponent gie obbligat li jiddepozita bhala garanzija ghall-ispejjez tar-Registru."*

[6] Fol 32 tal-process

Illi din it-talba kif dedotta ma tistax tigi akkolta. Gie ritenut mill-Qorti tal-Appell li "*meta r-Registratur jistabbilixxi l-ammont tal-malliverija l-operat tar-Registratur tal-Qorti difatti, ma jistax jigi deskritt bhala wiehed ta' semplici intaxxar tal-ispejjez gudizzjarji ta' kawza, izda biss ta' fissazzjoni ta' malliverija mehtiega biex jimxi 'l quddiem fl-appell.*"[7] Tant li f'dik il-kawza, gie konkluz li hija l-Qorti tal-Appell li ghandha gurisdizzjoni esklussiva biex tiddetermina talbiet ta' kontestazzjoni ta' malliverija. Isegwi li ordni diretta kontra r-Registratur tal-Qrati ghal xi rifuzjoni tas-somma depozitata bhala garanzija ghall-appell ma tistax issir bhala konsegwenza ancillari ghall-talba ta' ritassa msejsa fuq l-artikolu 64 tal-Kap 12, u mressqa mill-kontro parti imma ghandha issir, semmai, f'gudizzju separat quddiem il-Qorti kompetenti.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati fir-risposta tal-intimati Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u d-Direttur Generali tal-Qrati, tilqa', in kwantu hu kompatibbli ma' din is-sentenza, l-eccezzjonijiet sollevati fir-risposta tal-konvenut Perit Joseph Sultana, filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-istess intimat Sultana, u **tilqa' t-talba tar-rikorrenti Ronald Gaerty fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

(1) Tordna it-thassir tat-taxxa ndikata fl-atti tar-rikors odjern wara l-kawza fl-ismijiet **"Joseph Sultana v Ronald Gaerty"** (Citazzjoni Numru 1754/97 AJM) (esebita a fol. 8 ta' dan il-process), deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' April 2005;

(2) Tordna lill-intimati Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u d-Direttur Generali tal-Qrati biex jaghmlu u johorgu taxxa gdida limitata biss ghad-decizjoni tal-Qorti

[7] Av.Tonio Borg noe -v- Agent Registratur tal-Qorti - App.Civ.dec. 4 ta' Frar 1994

ta' l-Appell fuq bazi ta' punt ta' ligi, dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, minghajr drittijiet *ad valorem.*

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mill-intimati Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u d-Direttur Generali tal-Qrati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------